# ....Lejn Malta.

*Lil Gużè Aquilina B. A., LL.D.,*
*Professur tal-Malti u l-Ilsna Orjentali.*

Mill-art ta' fehmiet kbar, ħabib ta' ġewwa,
X'ġagħlek titwarrab sabiex tarġa' magħna?
Mill-art li tħobb is-sliem u tgħożż is-sewwa
Għaliex ġej f'artna? Hawn qatt mhi xebgħana

L-għira qarrieqa tal-bnedmin egħdewwa
Lejn min (għax Alla tah) bid-d'hen jistagħna;
L-għira li trid, bis-sewwa jew bid-dnewwa,
Tjassar u tbeżża' bil-fehmiet baħnana.

Għaliex ġej f'artna? Inti trid fil-ġlieda
Għall-ġieh ta' lsienna timxi quddiem ħbiebek,
U tagħni b'dawl ta' ġmiel ħsiebhom u ħsiebek.

Il-ħsieb li nħaddnu kbir, qawwija r-rieda.
Ħabib, qed tfiġġ, qed tfiġġ tar-rebħa d-dija,
Rebħa ta' fejda u riżq, rebħa Maltija.

Ġużè Chetcuti.